MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2012

Citazzjoni Numru. 124/2012

**Go P.l.c (C22334)**

**vs**

**The Golden Shepherd Group Limited (C 14948)**

Il-Qorti

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta' Go Pl.c., fejn gie premess:-

Illi s-socjeta' rikorrenti toffri servizzi ta' l-internet kif ukoll servizzi ta' telefonija, kemm servizzi ta' telefonija fissa kif ukoll servizzi ta' telefonija cellulari.

Illi s-socjeta' rikorrenti bieghet u pprovdiet lis-socjeta' intimata servizzi ta' l-internet tat-tip business broadband

kif ukoll servizzi ta’ telefonija fissa, fuq ordni tal-istess socjeta’ intimata.

Illi relattivament ghas-servizzi imsemmija fis-suespost, is-socjeta’ intimata ghandha thallas is-somma ta’ erbgha u ghoxrin elf, tliet mija u tmienja u tletin Ewro u sittax-il centezmi (€24,338.16) rapprezentanti bilanc minn somma akbar.

Illi dan l-ammont jirrapprezenta l-hlas ghas-servizzi ta’ telefonija fissa, fornit lilha, fuq ordni taghha stess, kif jirrizulta evidentement mill-anness statement of account (kopja hawn anessa u mmarkata Dok ‘GO1’).

Illi s-socjeta’ intimata giet interpellata diversi drabi sabiex thallas l-ammont minnha dovut, anke permezz ta’ ittra ufficjali datata t-tletin (30) ta’ Marzu, tas-sena elfejn u hdax (2011), (kopja taghha hawn anessa u mmarkata Dok ‘GO 2’) liema notifika kellha ssit permezz tal-publikazzjoni u affissjoni ai termini tas-sub-artikolu (3) tal-Artikolu 187 tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta).

Illi l-ammont dovut favur is-socjeta’ rikorrenti kif inghad hawn fuq, huwa cert, likwidu u dovut, u fil-fehma tal-istess socjeta’ rikorrenti jikkonkorru l-elementi kollha rikjesti a tenur tal-Artikoli 167 *et sequitur* tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Vicili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta), u ghalhekk hija l-umli fehma tas-socjeta’ rikorrenti li s-socjeta’ intimata m’ghandha l-ebda eccezzjoni valida skond il-ligi x’taghti kontra t-talbiet rikorrenti.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tghid is-socjeta’ intimata, ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m’ghandiex, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna:

1) Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh, ghall-finijiet tal-Artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta’

Organizazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta).
2) Tiddikjara li s-socjeta’ intimate ghandha taghti lis-socjeta’ rikorrenti s-somma ta’ **erbgha u ghoxrin elf, tliet mija u tmienja u tletin Euro u sittax-il centezmi (€24,338.16)** u dana oltre l-imghaxijiet kummercjali sad-data tal-pagament effettiv tas-somma kollha.
3) Tikkundanna lis-socjeta’ intimate thallas lis-socjeta’ rikorrenti s-somma ta’ **erbgha u ghoxrin elf, tliet mija u tmienja u tletin Euro u sittax-il centezmi (€24,338.16)** u dana oltre l-imghaxijiet kummercjali sad-data tal-pagament effettiv tas-somma kollha

Bl-ispejjez kollha, inkluzi l-ispejjez tal-ittra ufficjali datata 30 ta’ Marzu, tas-sena elfejn u hdax (2011), u bl-imghaxijiet kummercjali dekorribbli sad-data tal-pagament effettiv tas-somma kollha kontra l-istess socjeta’ intimata, li r-rapprezentant taghha huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta’ Marzu, 2012.

Fil-kontumaca tas-socjeta’ konvenuta, il-Qorti tilqa’ t-talbiet kollha kif dedotti fir-rikors promotur u tikkundanna lis-socjeta’ intimata thallas lis-socjeta’ rikorrenti s-somma ta’ erbgha u ghoxrin elf, tliet mija u tmienja u tletin Euro u sittax-il centezmi (€ 24,338.16) bl-imghaxijiet kollha legali u bi spejjez kontra s-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------